# IL-FESTA TAL-KUNĊIZZJONI MITT SENA ILU

*Kitba Anton Attard*

Il-festa tal-Kunċizzjoni f' Bormla tkun mistennija mhux biss mill-Bormliżi, iżda wkoll minn għadd kbir ta' dilettanti minn kull rokna ta' Malta. Din il-popolarita' tmur lura snin kbar, għax lejn tmiem is-seklu l-ieħor ġa kienet fl-aqwa tagħha. Danjidher mill-prominenza li kienet tingħata fil-ġurnali l-aktar mexxejja ta'dak iż-żmien. Minn dak li xxandar fl-1896 nistgħu ngħaqqdu stampa ta' kif ġiet iċċelebrata l-festa dik is-sena - mitt sena ilu.



Il-Papa l-Antik fis-Suq il-qadim, qabel il-gwerra

JIEM IN-NOVENA

In-nies ta' Bormla huma magħrufa biżżejjed għall-importanza li jagħtu lill-jiem tan-Novena. Din ġa' kienet tinħass sewwa fis-sena 1896. Dik is-sena, kemm il-quddiesa ta' filgħodu, kif ukoll is-"Salve" ta' filgħaxija kienu ġew soleniżżati b'. mużika deskritta bħala *"kważi solenni"*, diretta mis-Sur Benedetto Perez. Tul id-disa t' ijiem, kien ippriedka Dun Anton Vella, saċerdot żagħżugħ Bormliż . Minkejja li l-quddiesa tan-novena kienet toħroġ kmieni , il-knisja kienet tkun maħnuqa bin-nies ; l-istess bħal ma kienet tkun filgħaxija .

Dik is-sena , it-8 ta' Diċembru ħabat it-Tlieta u l-manifestazzjonijiet esterni bdew mill-Hadd . Bosta mit-toroq inxtegħlu bit-tazzi taż-żejt u billi dakinhar inzertat żiffa ħelwa , ingħad li t-tnemnim tad-dawl ħoloq dehra li ssaħħar .

Il- " *Banda San Ġiorġio* " għamlet programm fi " *Piazza dell 'Antico Mercato* " ( illum Misraħ Paolino Vassallo ), taħt id-direzzjoni ta' l-Assistent Surmast Ignazio Catania . Sinfonija mill- " GAZZA LADRA " , ta' Rossini u għażliet mill- " BOCCACCIO " ta' Suppe' , imżewqin b' Marċ , Valzer u Polka intlaqgħu b' applawsi kbar . Ma' tmiem il- programm , inħaraq in-nar ta' l-art

fuq Pjazza S .Margerita .

LEJLET IL-FESTA

Aktar ma qorob jum il-festa , aktar kotrot is-solennita' . Mill-għodwa ta' lejlet il-festa sa l-għada filgħaxija , l-orkestra u l-mużika kienu tas-Surmast Riccardo Buġeja , li dik il- ħabta kien imfittex ħafna .
Il-Quddiesa ħarġa fil-5.00 am u fit-8.00 am tkanta t- " TE DEUM " . Dan intlaqa' bid-daqq tal-qniepen tal- knejjes kollha mseħbin mill-isparar tal-maskli u l-murtali . Il-Banda San Ġorġ bdiet marċ mat-toroq prinċipali , li kompla jkattar il-briju u l-entużjażmu tal-folol , minn kulfejn għadda .
Tard wara nofsinhar bdiet it-Traslazzjoni . Kif kienet id-drawwa dak iż-żmien , ingħata bidu għall-funzjoni bis-Sinfonija " GUARANY ". Ingħad li din , flimkien ma' l- " AVE MARIS STELLA " u l-Antifona " HODIE EGRESSA EST " ħarġu mpekkabbli . Dan ma setax jonqos , għax dik il-lejla , is-Surmast Buġeja miegħu kellu l-aħjar mużiċisti tat-Teatru Rjal , flimkien ma' 20 mill-aktar kantanti magħrufa . Iċ-Ċelebrant kien Mons . Salvatore Grech , Segretarju ta' l-Arċisqof Pace, li kien midħla sew tal-festa f 'Bormla .

IL-BANED

Prominenti fil-programmi mużikali ta' lejlet il-festa kienu l- " *Banda La Valette* ", tal-Belt u dik Kospikwana " *San Giorgio* ". Ħarsa lejn il-programm tagħhom turi kemm kien popolari dik is-sena il-marċ " VESSILLO TRICOLORE " ta' Ponchielli .

**INDURATURI !!**

*Gilder's Requirements*
*22ct Genuine Gold Leaf, Silver Leaf,*
*Aluminium and Copperr Leaf*
*Rabbit Skin Glue, Missione Bianca and Gold Size*
*Burnishing Clay, Agate Stone Burnishers Gilder's Knives,*
*Flat Card Brushes and Camel Hair Brushes, Schellac*

**E. Theuma & Co. Ltd.**
**"Theuma House" 302, St. Paul Street, Valletta VLT 07.**
**P.O. Box 74, Valletta CMR 01**
**Tel : 234075, 236605 Fax : 244201**

R. PISANI
ART MARBLE
'San Gejtanu'
72, N/S in Notabile Road,
Mriehel
RPisani
Telephone
Workshop: 494798
Residence: 332758

Il-Banda San Ġorġ ikkonfermat il-livell għoli li kienet laħqet taħt is-Surmast Paolino Vassallo mill-mod perfett li biħ interpretat ir- " RAPSODIA UNGHERESE No2 " ta' Liszt, li dik is-sena kienet " *in voga* " ukoll . Dan il-progress tal-banda kien frott il-ħeġġa bla qies tal-bandisti , għax hu magħruf li , dik il-ħabta , kienu jagħmlu tliet kunċerti fil-ġimgħa .
Il- " *La Valette* " ukoll ħarġet bl-unuri kollha , tant li , l-Kumitat tal- Festa stedinha biex terġa tieħu sehem l-għada wkoll . Il-Kumitat Belti laqa' l-istedina bil-ferħ . Dan sewa biex wera kemm il-banda kienet imħejjija tajjeb , għax il-programm li daqqet fi Pjazza S .Margerita kien differenti għal kollox minn dak tal-jum ta' qabel .
Baned oħra li ħadu sehem magħha f' jum il-festa kienu : " *La Vincitrice* " : ta' l-Isla , li daqqet fi Pjazza P. Vassallo , il-Banda " S . Michele ", ta' Ħaż-Żabbar , li kienet ix-Xatt ta' S . Teresa , il-banda Qormija " Pinto " u l-" *Banda S . Giuseppe* " tal-Hamrun , li għamlu programmi fi *Strada Oratorio u Pjazza Gulia* rispettivament .

JUM IL-FESTA FIL-KNISJA
Il-parti reliġjuża ta' nhar il-festa ġiet iċċelebrata bis-solennita' li għaliha Bormla hi tant magħrufa . Il-Quddiesa tal-Festa ġiet iċċelebrata mill-istess Mons. Grech. Is-Surmast Buġeja idderieġa l-Orkestra u l-Kor b'mod perfett. Dan għen ħafna biex din tqieset fost l-isbaħ quddisiet tiegħu. Il-Paniġierku sar bit-Taljan mill-Ġiżwita Patri Ġiuseppe Grech, li kif spiċċa, ingħata applaws kbir.

għalkemm wara nofsinhar l-ajru kien imsaħħab ġmielu u kien jgħedded il-maltemp, il-purċissjoni ħarġet xorta waħda. Ir-Relikwija intrefgħet minn Mons. Grech u quddiem il-vara mxew għadd ta' fratelli, flimkien mal-Kleru tal-Parroċċa li, dik is-sena, kien kompost minn 36 saċerdot.
It-tfigħ ta' *Sonetti* mit-twieqi u galleriji ma naqasx. Prominenti fost dawn aktarx kien dak miktub minn Dun Salvatore Formosa. Bħal snin oħra,Dun Salv niseġ Sonett il-ġmiel tiegħu. Dan is-saċerdot, għas-sonetti u poeżiji tiegħu, kien sar magħruf bħala *"Il-Poeta tal-Immakulata"*.
Ma' dħul il-purċissjoni, kif l-istatwa tal-Kunċizzjoni tqegħdet taħt il-mant, bdiet l-Antifona u wara ngħatat il-Barka Sagramentali. Hawn Mons. Grech ħa l-okkażjoni biex ikellem lil ħutu Kospikwani. F' diskors imqanqal, fost ħwejjeġ oħra, ħeġġiġhom biex iżommu dejjem lill-Immakulata f' qalbhom u ħsibijiethom, kif għamlu l-antenati tagħhom, sa minn żmien mhux magħruf.
Ta' min josserva li l-festa tal-Kunċizzjoni ta' l-1896 aktarx li kienet l-ewwel waħda f' Malta li fiha n-nies setgħu jaraw għall-ewwel darba d-dawl elettriku. Għalkemm b' mod limitat ħafna, dan kien ġie inawgura fil-belt u l-Kottonera, fl- 1 ta' Diċembru ta' dik is-sena.
Il-festa ta' dik is-sena kellha wkoll id-distinzjoni li, il-protagonisti tagħha kienu Bormliżi. Il-Predikatur tan-Novena kien Bormliż. Il-Paniġierku patri minn Bormla u lejliet u nhar il-festa iffunzjona Monsinjur Bormliż ukoll. Fl-istess ħin, dik is-sena, il-bandisti tal-Banda S. Ġorġ kienu kollha minn Bormla, inkluż is-Surmast Paolino Vassallo.
Meta tqis dan kollu, għalhekk, tista b'wiċċek minn quddiem tgħid li, dik is-sena, kienet festa Bormliża fil-veru sens tal-kelma.

REFERENZI

" *MALTA* " — 30 ta' Novembru 1896.
Ibid — 4,5,8,11,17 ta' Diċembru 1896.
" *MALTA TAGĦNA* " 5 u 12 ta' Diċembru 1896.

**MEXICO**
***Take Away and Fast Foods***
***New Street, Cospicua.*** **Tel: 661050**